**KUNSILL LOKALI** **BORMLA** *Citta' Cospicua* **LOCAL COUNCIL**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 75/2017

**18 ta' Ottubru, 2017**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fis-5:30 ta' filgħaxija.

## PREŻENTI:

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Ivan Agius – Vici-Sindku
Roderick Mamo – Kunsillier
Antonia Perini - Kunsilliera
Nyah Spiteri – Kunsilliera

## SKUZAT:

Pablo Cachia Belli – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

## 75.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

75.1.1 Is-Sindku qrat e-mail li kien intbaghatilha mill-Kunsillier Pablo Cachia Belli u li permezz tieghu kien infurmaha illi minhabba ragunijiet ta' sahha ma kienx ser ikun possibbli ghalih li jattendi ghas-seduta.

75.1.2 Fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Noyah Spiteri ssekondata mis-Sindku u li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost il-Kunsilliera prezenti, il-Kunsill Lokali ddecieda li jiggustifika l-assenza tas-Sur Cachia Belli.

75.1.3 Is-Sindku qrat e-mail li kien baghat il-Kunsillier James Cauchi u li permezz tieghu l-istess Sur Cauchi kien talab lill-Kunsill Lokali jiggustifika l-assenza tieghu mis-seduta minhabba ragunijiet familjari.

75.1.4 Fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Noyah Spiteri ssekondata mis-Sindku u li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost il-Kunsilliera prezenti, il-Kunsill Lokali ddecieda li jiggustifika l-assenza tas-Sur Cauchi.

## 75.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

75.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 74 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

75.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas- Sa. Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur Roderick Mamo, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

75.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

## 74.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

75.3.1 Is-Sindku infurmat lil dawk prezenti b'laqgha li l-Kunsill Lokali kellu mal-Onor. Silvio Parnis u li matulha kienu gew diskussi t-temi ta' infurzar fil-lokalita', l-indafa u devoluzzjoni/koncessjoni dwar siti li kienu jaqghu fil-konfini tal-lokalita'. Is-Sindku ghaddiet lill-Kunsilliera prezenti dettalji ta' dak li kien gie diskuss waqt l-l-imsemmija laqgha.

75.3.2 Is-Sindku infurmat lil dawk prezenti illi hekk kif maqbul u deciz, kien beda jaghti s-servizzi tieghu lill-istess Kunsill Lokali is-Sur Owen Borg. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kienet iltaqghet mas-Sur Borg bil-ghan illi jigi diskuss l-operat tal-haddiema tieghu.

## 75.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

75.4.1 Ma kienx hemm.

## 75.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet

75.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru10/17) ghall-approvazzjoni.

75.5.2 Fuq proposta tas-Sur Ivan Agius ssekondata mis- Sa. Noyah Spiteri, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

74.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista' ta' petty cash mahrug matul ix-xahar ta' Settembru 2017 ghall-approvazzjoni.

74.5.4 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri Belli ssekondat mis-Sa. Antonia Perini, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinstab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

## 75.6 Sejhiet ghall-Offerti

75.6.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif diskuss waqt seduta precedenti l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet hadet hsieb tipprepara abbozz ta' dokument ghal sejha ghall-offerti ghal servizzi ta' perit. Wara li inghataw dettalji dwar id-dokument abbozzat kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha tinhareg sejha ghall-offerti fuq id-dokument hekk kif propost.

75.6.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li kien ghalaq iz-zmien ta' sottomissjonijiet ghal sejha ghall offerti li kienet inharget ghal xiri ta' vettura, kien irrizulta li kien hemm sottomissjoni wahda. L-evalwaturi kienu qieghdin jaghmlu x-xoghol taghhom sabiex eventwalment, fis-seduta segwenti, tkun tista' tittiehed decizjoni dwar il-materja.

75.6.3 Is-Sindku qalet illi fl-opinjoni taghha, il-Kunsill Lokali kellu jipprepara abbozz ta' dokument sabiex eventwalment tkun tista' tinhareg sejha ghall-kwotazzjonijet ghal tizjin permezz ta' dwal f'diversi toroq fil-lokalita' ghal zmien il-Milied. Wara diskussjoni libera dwar il-materja kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-amministrazzjoni kellha tiehu hsieb tabbozza dokument ghas-sejha in-kwistjoni li eventwalment kellu jigi mghoddi lill-Kunsilliera.

## 75.7 Pjan ta' Hidma

75.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera illi kienet qieghda ssir hidma sabiex il-Kunsill Lokali jiffinalizza l-pjan ta' hidma ghas-snin 2017-2019. Fir-rigward, filwaqt li stiednet lil dawk prezenti sabiex kull minn kellu i suggeriment jghaddihomla sabiex eventwalment jigu inkluzi fl-imsemmi pjan ta' hidma, infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet ser tkun qieghda taghmel xi tibdil zghir fid-delegi tal-kunsilliera fiz-zmien qarib.

## 75.8 Jum Bormla

75.8.1 Is-Sindku qrat rapport li kien gie mhejji mill-bord li kien evalwa n-nomini ghal Gieh Bormla 2017. Is-Sa. Zerafa Civelli infurmat lill-kunsill Lokali illi l-istess bord kien irrakkomanda illi Gieh Bormla 2017 jinghata lill-klabb tar-regatta tal-lokalita'. Wara diskussjoni libera li matulha gew diskussi l-motivazzjonijiet imressqa mill-bord, fuq proposta tas-Sur Ivan Agius ssekondat mis-Sa. Noyah Spiteri il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi kellu jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-bord. Gie deciz illi kellu jinghata rikonoxximent liz-zewg nominati l-ohra u cioe' lis-Sinjuri Etienne Spiteri u Lawrence Hili.

75.8.2 Is-Sindku qalet illi b'konnessjoni mal-istess okkazzjoni, hekk kif sehh fis-snin imghoddija, kienu ghaddejjin il-preparamenti sabiex tinzamm quddies u funzjoni. Fir-rigward, wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-funzjoni kellha tinzamm fis-sala tal-kazin tal-banda San Gorg. Kellu jsir kuntatt ma' grupp ta' scouts sabiex isir korteo mill-knisja parrokkjali sal-monument tal-gwerra fejn kellhom jitpoggew kuruni u fjuri.

## 75.9 Mozzjonijiet

75.9.1 Mozzjoni numru 11/2017

*Wara li avvicinawni bosta residenti minn Fuq Verdala qed nitlob sabiex il-Kunsill jinstalla' road calmer/sleeping police fl-imsemmija triq. Ir-Residenti inkwetati hafna minhabba sewqan eccessiv minn uhud irresponsabbli. Qed nitlob ukoll li tigi mwahhla u-channel fit-tard tat-triq (quddiem numru 2) ghall-istess raguni.*

Mozzjoni : Alison Zerafa Civelli
Sekondant : Noyah Spiteri

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

## 75.10 Rapporti

75.10.1 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellha tinxtara partijiet minn uniformi ghall-haddiema klerikali minghand il-kumpanija In Design skont stima numru S03090
- Gie deciz illi kellha jinbidel ma bin-on-wheel, kontenitur tal-hgieg li kien jifforma parti minn bring-in-site li kien hemm fi Triq San Pawl.
- Ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal applikazzjonijiet ghal zvilupp bin-numri PA/07653/17, PA/07311/17, PA/07348/17 u PA/07367/17 li deheru fuq il-gazzetta tal-Gvern. Fl-istess waqt kellhom jintalbu dettalji ghal applikazzjoni ghal zvilupp bin-numru PA/07386/17.
- Minhabba ragunijiet logistici, hadd mill-Kunsill Lokali ma kellu jattendi ghal attivita' li l-Kunsill Lokali gie mistieden ghaliha mis-Sindku tar-Regjun ta' Beyoglu gewwa t-Turkija.
- Kellha tigi mibghuta lill-Kunsillier Cachia Belli korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva rigward l-MOC Sports Awards 2017.
- Ma kelliex tintleqa' talba li l-Kunsill Lokali rcieva minghand is-Sa. Kirstie Saliba rigward l-uzu ta' parkegg biswit l-iskola primarja ghal funzjoni privata li kellha tinzamm matul April 2018.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi matul ix-xahar ta' Ottubru 2017 kienet ser tigi installata sistema ta' CCTV fi Triq Alessandra hekk kif deciz waqt seduta precedenti.
- Is-Sindku ghaddiet lill-Kunsill Lokali informazzjoni relatata mas-suq fil-berah li kien jopera nhar ta' Tlieta mil-lokalita', liema suq fil-berah kien ser ikun qieghed jigi rijorganizzat fuq inizjativa ta' Transport Malta.
- Il-Kunsill Lokali qabel ma' proposta li kien ressaq il-Kunsillier Roderick Mamo rigward l-arrangamenti li kien jinthieg li jsiru fir-rotta tal-knis ghal zmien il-festa tal-2017.
- Il-Kunsill Lokali iddecieda illi jippartecipa fl-attivita' l-lokalita' tieghi fl-istrina, liema attivita' kellha tittella' bejn l-1 u t-3 ta' Dicembru 2017.
- Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jkun irraprezentat mis-Sur Ivan Agius, Vici-Sindku, f'attivita' li kienet ser tkun qieghda tittella' gewwa Ruma nhar is-27 t'Ottubru 2017 mill-organizzazzjoni FEALP.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi jippartecipa fl-attivita' Tetra ghall-Istrina li kienet ser tittella' minn Green MT.
- Il-Kunsill Lokali qabel ili kellu jordna xoghol minghand is-Sinjuri Alan Bugeja u James Camilleri bil-ghan illi tittella' attivita' nhar is-6 ta' Dicembru 2017 gewwa Bacir Nru.1

75.10.2 Is-Sindku pprezentat fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abozz ta’ rapport finanzjarju ta’ kull kwart ghall-perjodu li kien jaqghlaq fi tmiem Settembru 2017. Is-Sa. Zerafa Civelli stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega r-rapport in-kwistjoni. Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega r-rapport u wiegeb mistoqsijiet li sarulu mill-Kunsilliera, fuq kunsiderazzjoni tal-Kunsillier Roderick Mamo ssekondat mis-Sindku u b’votazzjoni unanima, il-Kunsill Lokali approva r-rapport hekk kif propost.

**75.11 Mozzjonijiet**

75.11.1 Is-Seduta ntemmet fit-8:00p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 15 ta’ Novembru 2017 fil-5:30p.m.

Konfermati, illum 15 ta’ Novembru, 2017

| | |
|---|---|
| *IFFIRMATA* | *IFFIRMATA* |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |